

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabbiltà Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > Luxembourg

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

 Lussemburgu

1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

Fuq punt ta' terminoloġija, fil-Lussemburgu t-terminu "l-awtorità tal-ġenituri" jintuża bi preferenza għar- "responsabbiltà tal-ġenituri". Dan il-kunċett jinkludi d-drittijiet u l-obbligi kollha assenjati bil-liġi lill-ġenituri fir-rigward tal-persuna u l-beni tat-tfal minorenni dipendenti tagħhom għall-iskop li jissodisfaw id-dmirijiet tagħhom ta' protezzjoni, edukazzjoni u manteniment.

Iż-żewġ ġenituri għandhom l-awtorità tal-ġenituri bil-għan li jiproteġu s-sikurezza, is-saħħa u l-moralità tat-tfal tagħhom u biex jiżguraw it-trobbija tagħhom u jippermettu l-iżvilupp tagħhom bir-rispett dovut lil persunthom. Il-ġenituri għandhom id-dritt u d-dmir li jissorveljaw il-manteniment u t-trobbija tat-tfal tagħhom. L-awtorità tal-ġenituri mhijiex dritt assolut u diskrezzjonali tal-ġenituri: din trid tiġi eżerċitata fl-aħjar interessi tal-wild minuri.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Fil-prinċipju, jekk tiġi stabbilita fil-jazzjoni fir-rigward taż-żewġ ġenituri, dawn jeżerċitaw awtorità tal-ġenituri b'mod konġunt, kemm jekk ikunu miżżewġin kif ukoll jekk le, fi sħubija ċivili, separati jew iddivorzjati. Jekk il-filjazzjoni ma tkunx ġiet stabbilita fir-rigward ta' wieħed mill-ġenituri jew jekk xi ħadd minnhom ikun miet, ikun assenti jew ma jkunx jista' jesprimi x-xewqat tiegħu / tagħha, il-ġenitur l-ieħor jeżerċita l-awtorità tal-ġenituri waħdu.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinġatar persuna oħra minflokhom?

Jekk il-ġenituri jmutu jew ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom, irid jinġatar tutur (*tuteur*). L-aħħar ġenitur superstiti jista' jagħżel it-tutor. Jekk ma ssir l-ebda għażla, jinġatar tutur permezz ta' laqgħa formali tal-familja ("*kunsill tal-familja*", *conseil de famille*) jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-imħallef tal-familja (*juge aux affaires familiales*).

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Fil-prinċipju, is-separazzjoni jew id-divorzju tal-ġenituri ma jbidilx l-arranġamenti għall-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, li jibqa' jiġi eżerċitat konġuntament miż-żewġ ġenituri. Wara s-separazzjoni tagħhom, huma

għandhom ikomplu jaġixxu flimkien biex jagħmlu kwalunkwe deċiżjoni importanti relatata mal-ħajja tat-tfal. Fir-rigward ta' partijiet terzi in *bona fide*, kull ġenitur jitqies li qed jaġixxi bi ftehim tal-ieħor meta jkun qed iwettaq waħdu att ordinarju ta' awtorità tal-ġenituri relatat mal-persuna tat-tifel jew tifla.

Huwa biss meta jkun fl-aħjar interess tat-tfal li l-qorti tista' tafda l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri lil wieħed miż-żewġ ġenituri biss. F'dan il-każ, il-ġenitur maħtur biex jassumi r-responsabbiltà tal-ġenituri jieħu d-deċiżjonijiet dwar it-tifel jew tifla waħdu. Madankollu, il-ġenitur l-ieħor iżomm id-dritt li jkun infurmat u li jimmonitorja l-manteniment u t-trobbija tat-tfal. Mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet għal raġunijiet serji, għandu wkoll drittijiet ta' aċċess u ta' residenza.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-qorti tista' tiddeċiedi li tqiegħed lill-minuri ma' parti terza li teżerċita l-awtorità tal-ġenituri fuqu/fuqha.

Meta l-minuri, bil-qbil tal-ġenituri, ikun tqiegħed ma' parti terza, l-awtorità tal-ġenituri tkompli tiġi eżerċitata mill-ġenituri. Madankollu, il-persuna li magħha jkun tqiegħed il-minuri twettaq kull att ordinarju dwar is-superviżjoni u t-trobbija tal-minuri. Il-Qorti tista' tpoġġi l-minuri ma' parti terza b'mod temporanju u tiddeċiedi li din il-parti terza għandha tapplika għal tutela.

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Kwalunkwe ftehim bejn il-ġenituri dwar il-kwistjoni tal-awtorità tal-ġenituri jkun legalment vinkolanti biss jekk jiġi approvat mill-qorti kompetenti.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Il-ġenituri jistgħu jirrikorru għall-medjazzjoni tal-familja.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

L-imħallef tal-familja jista' jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- Rikorsi relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, bl-esklużjoni ta' dawk relatati mal-irtirar tal-awtorità tal-ġenituri. dan jinkludi l-arranġamenti għall-eżerċizzju konġunta ta' awtorità tal-ġenituri min-naħa tal-ġenituri, kemm jekk ikunu miżżewġin jekk le, kif ukoll jekk ikunu separati jew iddivorzjati. Huwa biss meta jkun fl-aħjar interess tat-tfal li l-qorti tista' tafda l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri lil wieħed miż-żewġ ġenituri biss.
- L-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess u ta' residenza ta' ġenitur imċaħħad mill-awtorità tal-ġenituri: dawn id-drittijiet jistgħu jiġu rrifjutati biss għal raġunijiet serji.
- Id-dritt tal-wild minuri li jżomm kuntatt mal-qraba tiegħu/tagħha fil-linja tal-axxendenti: dan id-dritt jista' ma jitqiesx biss fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dak il-każ, l-arranġamenti għall-kuntatt bejn il-minuri u l-qarib jiġu ddeterminati mill-qorti.
- Id-drittijiet ta' aċċess u residenza ta' persuni oħra, kemm jekk qraba u kemm jekk mhumiex: il-qorti tagħti tali drittijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
- L-obbligu tal-ġenituri li jgħixu flimkien li jikkontribwixxu għall-manteniment u t-trobbija tal-wild minuri: f'każ li l-ġenituri jisseparaw, dan l-obbligu jista' jieħu l-forma ta' ħlas ta' manteniment tal-wild minuri, iddeterminat skont il-ħtiġijiet tal-wild minuri u skont il-kapaċità ta' kull ġenitur li jikkontribwixxi; dan jista' jkompli wara l-età maġġuri jekk il-wild minuri ma jkunx jista' jsostni lilu nnifsu.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Fil-prinċipju, is-separazzjoni jew id-divorzju tal-ġenituri ma jbidilx l-arranġamenti għall-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, li jibqa' jiġi eżerċitat konġuntament miż-żewġ ġenituri. Huma jridu jibqgħu jieħdu flimkien kwalunkwe deċiżjoni importanti dwar il-ħajja tat-tfal (manutenzjoni, trobbija, edukazzjoni, eċċ.).

Huwa biss meta jkun fl-aħjar interess tat-tfal li l-qorti tafda l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri lil wieħed miż-żewġ ġenituri biss. F'dan il-każ, il-ġenitur maħtur biex jassumi r-responsabbiltà tal-ġenituri jieħu d-deċiżjonijiet dwar it-tifel jew tifla waħdu. Madankollu, il-ġenitur l-ieħor iżomm id-dritt li jkun infurmat u li jimmonitorja l-manteniment u t-trobbija tat-tfal. Mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet għal raġunijiet serji, għandu wkoll drittijiet ta' aċċess u ta' residenza. Għalhekk, f'każ li l-ġenituri jisseparaw, kull wieħed minnhom għandu jżomm relazzjoni personali mal-minuri u jrispetta r-relazzjoni tiegħu/tagħha mal-ġenitur l-ieħor.

Jekk ġenitur imċaħħad mill-awtorità tal-ġenituri jemmen li l-ġenitur l-ieħor ma jkunx qed jeżerċita l-awtorità tal-ġenituri fl-interessi tal-minuri, huwa/hija j/tista' j/tirreferi l-kwistjoni lill-qorti xierqa biex issolvi t-tilwima. F'dan il-każ, il-qorti tista', jekk ikun meħtieġ, tagħmel bidla fl-għotja tal-awtorità tal-ġenituri jew għall-arranġamenti għall-eżerċizzju tagħha.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

L-awtorità konġunta tal-ġenituri tippresupponi, f'każ li l-ġenituri jisseparaw, li hemm fehim u kunsens wiesa' biex tiġi żgurata kooperazzjoni kontinwa u kostruttiva fid-deċiżjonijiet tal-ġenituri relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri u l-manteniment u t-trobbija tat-tfal. Id-deċiżjonijiet tal-imħallef tal-familja huma dejjem iggwidati mill-aħjar interessi tat-tfal.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Ir-rikorrent jista' iressaq il-kwistjoni quddiem l-imħallef tal-familja, permezz ta' rikors lill-qorti distrettwali (*tribunal d'arrondissement*). Ir-rikors irid jiddikjara d-data u l-iskop tat-talba, il-kunjomijiet, l-ismijiet u l-indirizz tal-partijiet, u d-dati u l-postijiet tat-twelid tagħhom. Jekk ir-rikorrent ma jgħix il-Lussemburgu, ir-rikors irid jindika indirizz għan-notifika hemmhekk. Il-partijiet m'għandhomx għalfejn ikunu rappreżentati minn avukat. Ir-regjistru tal-qorti (*greffe*) iħarrek il-partijiet fi żmien 15-il jum, ħliet jekk it-terminu jiġi estiż minħabba d-distanza kif previst mill-Kodiċi Ġdid ta' Proċedura Ċivili (*Nouveau Code de procédure civile*).

Bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali, il-kawżi għall-irtirar totali jew parzjali tal-awtorità tal-ġenituri ma jiġux trattati mill-imħallef tal-familja, iżda jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-qorti distrettwali fil-kwalità ta' qorti ċivili. Dawn il-kawżi għandhom jitressqu mill-prosekutur pubbliku quddiem il-qorti distrettwali tal-indirizz (*domicile*) jew residenza (*résidence*) ta' wieħed mill-ġenituri. Jekk il-ġenituri ma jkollhomx indirizz jew residenza magħrufa fil-pajjiż, il-kawża titressaq quddiem il-qorti tad-distrett fejn ikunu jinsabu t-tfal. Jekk it-tfal ma jkunux jinstabu kollha fl-istess distrett, il-kawża titressaq quddiem il-qorti distrettwali tad-distrett tal-Lussemburgu. Il-prosekutur pubbliku jirranġa għal investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-familja tal-minuri u l-moralità tal-ġenituri tiegħu/tagħha. Dawn tal-aħħar huma ordnati jissottomettu lill-qorti kwalunkwe kumment u oġġezzjoni li jqisu xierqa. Ir-rikors għall-irtirar tal-awtorità tal-ġenituri għandu jstabbilixxi l-fatti u jkun akkumpanjat minn dokumenti ta' sostenn. L-iskrivan tal-qorti (*greffier*) jinnotifika lill-ġenituri jew lill-qraba fil-linja axxendenti li kontrihom tkun tressqet l-kawża u jinnotifikahom biex jikkomparixxu. Huma m'għandhomx għalfejn ikunu rappreżentati minn avukat. Fi kwalunkwe każ, il-qorti tista', *ex officio* jew fuq talba ta' parti, tadotta kwalunkwe miżura interim li tqis mixtieqa b'rabta mal-eżerċitar tal-awtorità tal-ġenituri fuq il-minuri. Barra minn hekk, il-qorti

tista', fi kwalunkwe każ, tirrevoka jew tibdel dawk il-miżuri. Jekk ġenitur jew gwardjan jixtieq jirkupra d-drittijiet li ġew imneħħija lilhom, iridu jressqu rikors lill-qorti tal-indirizz jew tar-residenza tal-persuna li lilha ġew fdati dawn id-drittijiet.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Kawżi quddiem l-imħallef tal-familja jitressqu permezz ta' rikors lill-qorti distrettwali minn wieħed mill-ġenituri jew minn persuna minorenni li tkun kapaċi tiffirma l-fehmiet tagħha stess f'konformità mal-Artikoli 1007-50 tal-Kodiċi l-Ġdid ta' Proċedura Ċivili. Il-partijiet m'għandhomx għalfejn ikunu rappreżentati minn avukat, ħlief meta r-rikors jiġi ppreżentat fi proċedimenti ta' divorzju li jitressqu għal raġunijiet ta' tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ jew fi proċedimenti ta' separazzjoni legali. F'dawn il-każijiet, ir-rappreżentanza minn avukat tal-qorti (*avocat à la Cour*) hija obbligatorja.

Ir-rikors irid jiġi ppreżentat fuq karta ordinarja lill-iskrivan tal-qorti distrettwali b'ġuriżdizzjoni territorjali, jiġifieri:

1. il-qorti tal-post fejn il-familja għandha l-indirizz tagħha;
2. jekk il-ġenituri jgħixu separatament, il-qorti tal-indirizz tal-ġenitur li t-tfal minorenni abitwalment jgħixu miegħu, fil-każ ta' eżerċizzju konġunt tal-awtorità tal-ġenituri, jew il-qorti tal-indirizz tal-ġenitur li jeżerċita l-awtorità tal-ġenituri waħdu;
3. f'każijiet oħra, il-qorti tal-post fejn tirisjedi l-persuna li ma tkunx bdiet il-proċedimenti.

Fil-każ ta' rikors konġunt, il-qorti kompetenti hija l-qorti tal-post fejn waħda mill-partijiet għandha l-indirizz tagħha, kif tippreferi. Għal aktar dettalji, ikkonsulta l-Artikolu 1007-2 tal-Kodiċi l-Ġdid ta' Proċedura Ċivili.

Meta r-rikors jitressaq fi proċedimenti ta' divorzju li jitressqu għal raġunijiet ta' tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ jew fi proċedimenti ta' separazzjoni legali, il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali hija l-qorti tal-post tal-indirizz konġunt tal-konjuġi jew, fin-nuqqas ta' dan l-indirizz, tal-indirizz tal-konjuġi intimat.

Is-seduti ta' smiġ relatati ma' rikorsi għad-determinazzjoni jew għat-tibdil fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri u tad-drittijiet ta' aċċess u residenza jinżammu fi żmien xahar miċ-ċitazzjoni.

Is-seduti ta' smiġ quddiem l-imħallef tal-familja mhumiex pubbliċi. Dawn isiru f'awli. Fil-prinċipju, l-imħallef jiddeċiedi waħdu, iżda jista' jirrinwija t-tilwima lil għadd ta' mħallfin jekk il-każ ikun partikolarment ikkumplikat. L-imħallef tal-familja jittratta wkoll it-talbiet għal miżuri provviżorji.

L-imħallef tal-familja jisma' personalment kull waħda mill-partijiet u jrid jipprova jirrikonciljahom. Huwa jista' jipproponi miżura ta' medjazzjoni. Huwa jista' jordna investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-familja (*enquête sociale*) jew kwalunkwe miżura oħra ta' inkjesta. Meta l-imħallef tal-familja jiddeċiedi dwar l-arranġamenti għall-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, huwa jista' jikkunsidra, fost affarijiet oħra, il-prattika li qabel kienet segwita mill-ġenituri, kwalunkwe ftehim li ntlaħaq qabel, is-sentimenti espressi mit-tifel, il-kapaċità ta' kull ġenitur li jwettaq dmirijietu u li jirrispetta lill-ieħor, u l-eżitu tal-investigazzjonijiet jew l-inkjesti mwettqa.

Fil-każ ta' rikors għal pagament għall-manteniment ta' minuri jew rikors għal kontribuzzjoni għall-manteniment u t-trobbija tat-tfal, l-imħallef tal-familja jista' jordna lill-partijiet, u saħansitra lil partijiet terzi, biex jipprovdu informazzjoni jew jippreżentaw kotba tal-kontijiet jew dokumenti tal-kontijiet li jistabbilixxu l-ammont ta' dħul, dejn jew qligħ tal-partijiet.

Kull appell minn deċiżjoni mogħtija mill-imħallef tal-familja għandu jitressaq fi żmien 40 jum. Ir-rikors tal-appell irid jiġi ffirmat minn avukat tal-qorti.

Meta l-imħallef tal-familja diġà qed jikkunsidra rikors fuq il-merti tal-kawża, u hemm urġenza assoluta, li trid tkun issostanzjata sew fir-rikors, jista' jitressaq quddiem l-imħallef rikors li jitlob għal miżuri *interim* (*mesures provisoires*) fi proċedimenti sommarji eċċezzjonali (*en référé exceptionnel*). Ir-rikors għal miżuri provviżorji għandu jitressaq quddiem l-iskrivan tal-qorti distrettwali li għandha ġuriżdizzjoni biex tisma' il-każ fuq il-merti tiegħu. Il-partijiet m'għandhomx għalfejn ikunu rappreżentati minn avukat.

12 Nista' nikseb għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Il-persuni bi dħul insuffiċenti skont il-liġi Lussemburġiża jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna legali (*assistance judiciaire*). Sabiex jirċievu din l-għajnuna, huma jridu jimlew kwestjonarju li jista' jinkiseb mis-Servizz Ċentrali tal-Għajnuna Soċjali (*Service central d'assistance sociale*) u jibagħtuh lill-President tal-Kamra tal-Avukati (*Bâtonnier de l'Ordre des avocats*) tat-territorju, li jieħu d-deċiżjoni.

L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha marbuta mar-rikorsi, mal-proċedimenti jew mal-azzjonijiet li tkun ingħatat għalihom. B'mod partikolari, din ikopri t-taxxi tal-boll u l-ispejjeż ta' reġistrazzjoni; it-tariffi tal-iskrivani, it-tariffi tal-avukati, it-tariffi u l-ispejjeż tal-bailiffs, it-tariffi u l-ispejjeż tan-nutara, it-tariffi u l-ispejjeż tat-tekniki, l-allowances tax-xhieda, u t-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti; it-tariffi għal ċertifikati li jiddikjaraw il-pożizzjoni fil-liġi barranija (*certificats de coutume*); l-ispejjeż tal-ivvjaġġar; id-dazji u t-tariffi relatati mal-formalitajiet għar-reġistrazzjoni, is-self u r-raham; u fejn ikun meħtieġ l-ispejjeż għall-avviżi fil-gazzetti.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Deċiżjoni dwar l-awtorità tal-ġenituri tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (*Cour d'appel*). Fil-prinċipju, il-limitu ta' żmien għall-appell huwa ta' 40 jum. Madankollu, it-terminu huwa ta' 15-il jum fil-każ ta' appell minn deċiżjoni tal-imħallef tal-familja dwar miżuri interim fi proċedimenti ta' divorzju mressqa għal raġunijiet ta' tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ, fi proċedimenti ta' separazzjoni legali, jew fi proċedimenti sommarji eċċezzjonali.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Imħallef tal-familja li jkun iddeċieda l-iskeda biex wild jgħix ma' kull ġenitur jew li jkun ikkonferma d-dritt ta' kuntatt ta' ġenitur jew saħansitra parti terza jista' sussegwentement iżid miżuri ta' eżekuzzjoni mad-deċiżjoni. Huwa /Hija j/tispeċifika n-natura ta' dawn il-miżuri u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li j/tqis l-aħjar interessi tat-tfal. Huwa/Hija j/tista' j/tiffissa pagament perjodiku ta' penali biex j/tiżgura li d-deċiżjoni tiġi osservata.

Il-liġi Lussemburġiża tipprevedi diversi modi kif tista' tiġi infurzata deċiżjoni dwar l-awtorità tal-ġenituri f'każ ta' rifjut sistematiku ta' konformità.

L-ewwel nett, hemm penali ċivili, jiġifieri ħlas perjodiku ta' penali (*astreinte*), stabbilit mill-imħallef tal-familja, sabiex il-ġenitur li ma jikkooperax jkun imġiegħel jissodisfa l-obbligu tiegħu. Kawża li tfitteż li jkun hemm ħlas perjodiku ta' penali imposta trid titressaq quddiem il-qorti distrettwali għall-post ta' residenza tal-wild.

Fil-każ ta' nuqqas ripetut ta' wieħed mill-ġenituri li jikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar id-drittijiet ta' aċċess u residenza jew residenza alternata, l-imħallef tal-familja jista' jipproponi medjazzjoni tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' konformità, l-imħallef jista', fuq talba tal-ġenitur li jkun sarlu t-tort, jagħmel bidla fl-għoti tal-awtorità tal-ġenituri jew fl-aċċess u fid-drittijiet ta' residenza favur il-ġenitur l-ieħor.

It-tieni nett, hemm penali kriminali f'każ li t-tfal ma jingħataw lill-parti l-oħra. Il-prosekutur pubbliku jista' jipproċedi fil-każ ex officio jew b'reazzjoni għal ilment kriminali mressaq mill-vittma. Il-qorti distrettwali responsabbli għall-kawża kriminali tistabbilixxi l-pieni kriminali u, fejn applikabbli, id-danni li għandhom jingħataw lill-vittma. Il-partijiet m'għandhomx għalfejn ikunu rappreżentati minn avukat.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta'

minuri (riformulazzjoni) (ir-*“Regolament Brussell IIb”*), kwalunkwe deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija mill-qorti ta’ pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea (flief id-Danimarka) hija fil-prinċipju rikonossuta fil-Lussemburgu *ipso jure*. Fi kliem ieħor, ir-rikonossiment ta’ tali deċiżjonijiet ma jeħtieġ l-ebda proċedura speċjali.

Deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija minn qorti ta’ Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, li hija eżegwibbli hemmhekk, hija eżegwibbli fil-Lussemburgu mingħajr il-ħtieġa ta’ dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà. Sabiex tiġi eżegwita tali deċiżjoni, il-parti li titlob l-eżekuzzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżekuzzjoni:

1. kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; kif ukoll
2. biċ-ċertifikat xieraq maħruġ f’konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament *“Brussell IIb”*.

L-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżekuzzjoni tista’ teħtieġ ukoll traduzzjoni tal-kontenut traduciċbli tal-ispazji għat-test liberu taċ-ċertifikat u traduzzjoni tad-deċiżjoni.

Għandu jiġi nnotat li d-deċiżjonijiet dwar id-drittijiet ta’ aċċess u dwar ir-ritorn tal-wild minuri huma rikonossuti mingħajr l-ebda possibbiltà li jiġu kkontestati, flieg jekk id-deċiżjoni tkun irrikonċiljabbli ma’ deċiżjoni sussegwenti, u jiġu eżegwiti mingħajr il-ħtieġa ta’ dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà. Sabiex tiġi eżegwita tali deċiżjoni, il-parti li titlob l-eżekuzzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżekuzzjoni:

1. kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; kif ukoll
2. biċ-ċertifikat xieraq maħruġ f’konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament *“Brussell IIb”*.

L-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżekuzzjoni tista’ teħtieġ ukoll traduzzjoni tal-kontenut traduciċbli tal-ispazji għat-test liberu taċ-ċertifikat u traduzzjoni tad-deċiżjoni.

16 Quddiem liema qorti f’dan l-Istat Membru għandi ngħaddi biex nopponi r-rikonossiment u l-infurzar ta’ deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f’dawn il-każijiet?

Skont ir-*“Regolament Brussell IIb”*, kwalunkwe parti interessata tista’, permezz ta’ ċitazzjoni, tippreżenta lill-qorti distrettwali, li tkun qed tisma’ materji ċivili, rikors għal rifjut ta’ rikonossiment jew rikors għal rifjut ta’ eżekuzzjoni relatata ma’ deċiżjoni f’materji ta’ ġenituri mogħtija minn qorti ta’ Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Il-parti trid tkun rappreżentata minn avukat tal-qorti.

Ir-raġunijiet għal rifjut ta’ rikonossiment u rifjut ta’ eżekuzzjoni huma elenkati fl-Artikoli 39 u 41 tar-*“Regolament Brussell IIb”*.

Kull parti tista’ tappella kontra d-deċiżjoni tal-qorti distrettwali li tisma’ materji ċivili quddiem il-Qorti tal-Appell li tisma’ materji ċivili. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li tisma’ materji ċivili tista’ tiġi appellata fuq punti tal-liġi quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de Cassation*).

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f’dan l-Istat Membru jew ikunu ta’ nazzjonalitajiet differenti?

Il-kwistjoni tal-liġi li l-qorti tapplika tkun differenti mill-kwistjoni ta’ liema qorti għandha ġurisdizzjoni. Il-qorti li jkollhom ġurisdizzjoni f’materji ta’ awtorità tal-ġenituri huma l-qorti tar-residenza abitwali tal-wild minuri (l-Artikolu 8 tar-*Regolament Brussell IIb* u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta’ The Hague tad-19 ta’ Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonossiment, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal). Il-liġi applikabbli hija definita wkoll mill-istess Konvenzjoni ta’ The Hague. In-nazzjonalità tal-wild minuri hija irrilevanti. Il-ġurisdizzjoni biex jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna u tal-proprjetà tat-tfal taqa’ f’idejn l-awtoritajiet tal-istat kontraenti ta’ residenza abitwali tal-wild minuri, b’mod li l-awtorità fil-Lussemburgu hija l-qorti tal-familja. L-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri huwa

rregolat mil-liġi tal-istat tar-residenza abitwali tal-minuri jew, jekk ir-residenza abitwali tat-tfal tinbidel, mil-liġi tal-istat tar-residenza abitwali ġdida.

Links relatati

[Fuljett dwar l-awtorità tal-ġenituri](#)

[Legilux](#)

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

■ L-aħħar aġġornament: 27/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.